Verżjoni Elettronika

A.L. 25 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"Il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2024 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti għall-Grad offrut mill-Fakultà għandu jkollhom wieħed minn dawn il-gradi li ġejjin:

(a) il-grad ta' Master, normalment ta' din l-Università jew ta' università oħra, f'qasam ta' studji rilevanti għal dak li applikaw għalih, miksub wara t-tmiem tal-kwalifika tal-ewwel ċiklu;

Verżjoni Elettronika

(b) il-grad ta' Doctor of Medicine and Surgery;

(c) il-grad ta' Master of Pharmacy;

(d) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) fil-Pharmaceutical Science miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (Diviżjoni Ogħla);

(e) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) fil-Pharmaceutical Technology miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (Diviżjoni Ogħla);

(f) il-grad ta' bachelor of Pharmacy (Honours) miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (Diviżjoni Ogħla);

(g) il-grad ta' bachelor fi xjenza tas-saħħa miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (Diviżjoni Ogħla); jew

(h) kwalifiki li l-Bord iqis komparabbli għall-gradi indikati fis-sottoparagrafi (a) sa (g).

Il-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat

4. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra ta' Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat, magħmul kif ġej:

Id-Dekan tal-Fakultà jew delegat (President)
4 akkademiċi residenti mill-Fakultà li għandhom kwalifiki ta' dottorat akkademiku.

It-Taqsimiet-Studju Mgħallma

5. Meta l-Bord iqis li hu meħtieġ, jista' jitlob li l-istudenti jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet-studju waqt il-kors tal-istudji tagħhom, u/jew li jwettqu xogħlijiet irrakkomandati mill-Bord b'mod sodisfaċenti, taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jimponi, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

6. L-istudenti jkunu meħtieġa jiddefendu t-teżi waqt b'mod orali. Huma mistennija jagħmlu preżentazzjoni tas-sejbiet maġġuri fix-xogħol tar-riċerka tagħhom ta' madwar 20 sa 30 minuta u wara jirrispondu għal mistoqsijiet magħmula mill-membri tal-Bord tal-Eżaminaturi. Il-President tal-Bord tal-Eżaminaturi għandu jiżgura li l-istudenti jkunu jafu bil-proċedura ta' kif se jitmexxa l-eżami orali.

7. Il-Bord għandu japprova u jippubblika linji gwida dwar il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

It-Tħassir

8. L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru 212 tal-2010, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Frar 2024.